# Fehmiet Żgħażagħ fuq l-Edukazzjoni Inklużiva

Is-Seduta tal-Parlament Ewropew
Brussell, Novembru 2011



# Fehmiet Żgħażagħ fuq l-Edukazzjoni Inklużiva

## Is-Seduta tal-Parlament Ewropew
## Brussell, Novembru 2011

**L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali**

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali hija organizzazzjoni indipendenti u li tmexxi lilha nnifisha, sostnuta mill-pajjiżi membri tal-Agency u l-Istituzzjonijiet Ewropej (il-Kummissjoni u l-Parlament).

L-ideat espressi minn kwalunkwe individwu f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw l-opinjonijiet uffiċjali tal-Agency, il-pajjiżi membri tagħha jew il-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni f'dan id-dokument.

Editur: Victoria Soriano, l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

Siltiet minn dan id-dokument huma permessi darba waħda ssir referenza ċara għas-sors. Dan ir-rapport għandu jiġi rriferenzjat kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali (2012) *Fehmiet Żgħażagħ fuq l-Edukazzjoni Inklużiva,* Odense, id-Danimarka: l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali.

Dan ir-rapport jinkiseb f'formats elettronikament manipulabbli b'mod sħiħ f'22 lingwa biex b'hekk ikun jiġi provdut aċċess aħjar għall-informazzjoni. Il-verżjonijiet elettroniċi ta' dan ir-rapport jinkisbu mill-websajt tal-Agency: www.european-agency.org

ISBN: 978-87-7110-401-1 (Elettronika)
ISBN: 978-87-7110-379-3 (Stampata)

**© European Agency for Development in Special Needs Education 2012**

Secretariat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Brussels Office
3 Avenue Palmerston
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 280 33 59
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**

Education and Culture DG

Lifelong Learning Programme

Il-produzzjoni ta' dan id-dokument kienet sostnuta mid-DG tal-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Kummissjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/index_en.htm

## IL-KONTENUT

**DAĦLA** ..... 5
**INTRODUZZJONI** ..... 7
**KONTRIBUZZJONIJIET MID-DELEGATI ŻGĦAŻAGĦ** ..... 11

Fl-opinjoni tiegħek, x'inhi edukazzjoni inklużiva? ..... 11

Tista' tiddeskrivi kif l-edukazzjoni inklużiva tista', jew għandha tintlaħaq fil-livell prattiku fl-iskola tiegħek? ..... 14

Fl-opinjoni tiegħek, x'inhuma l-benefiċċji ewlenin u l-isfidi li ġġib magħha edukazzjoni inklużiva, jew li tista' ġġib għall-edukazzjoni tiegħek? ..... 21

Kummenti u proposti ..... 29
**INĦARSU LURA U NĦARSU 'L QUDDIEM** ..... 33
**ID-DELEGATI ŻGĦAŻAGĦ FIS-SEDUTA TAL-PARLAMENT EWROPEW 2011** ..... 36

# DAĦLA

F'Novembru 2011, l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġ ijiet Speċjali għal darb'oħra kellha l-gost u l-unur li torganizza udjenza Ewropea. Din inżammet fil-Parlament Ewropew ta' Brussell u kienet tinvolvi żgħażagħ – kemm bi bżonnijiet edukattivi speċjali u/jew diżabilitajiet kif ukoll mingħajrhom, mis-settur sekondarju u vokazzjonali, li ddiskutew xi tfisser edukazzjoni inklużiva għalihom.

Din il-laqgħa kienet it-tielet waħda tat-tip tagħha li l-Agency organizzat. L-ewwel seduta, li kien jisimha 'Laqgħa Ewropea għal Żgħażagħ bi Ħtiġ ijiet Edukattivi Speċjali', saret fil-Parlament Ewropew fi Brussell fl-2003 u kienet tinvolvi 23 delegazzjoni ta' pajjiżi. Din kienet sostnuta mill-Ministeri tal-Edukazzjoni u l-Kummissjoni Ewropea, bħala avveniment ewlieni fil-qafas tas-Sena Ewropea ta' Nies b'Diżabiltajiet. It-tieni avveniment, 'Vuċijiet Żgħażagħ: Kif Inlaħħqu mad-Diversità fl-Edukazzjoni', saret Lisbona fl-2007 fi ħdan il-qafas tal-Presidenza Portugiża tal-Unjoni Ewropea u kienet tinvolvi 29 delegazzjoni ta' pajjiżi.

Għal-laqgħa tal-2011, il-pajjiżi membri kollha tal-Agency taw is-sehem tagħhom għall-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment u kienu rrappreżentati bis-sehem sħiħ ta' 88 żagħżugħ u żagħżugħa minn 31 delegazzjoni.

L-għan ta' din il-laqgħa kien biex l-organizzaturi u l-mistednin jisimgħu l-fehmiet taż-żgħażagħ, kif ukoll li jikkunsidraw il-progress li kien sar fl-edukazzjoni inklużiva fil-pajjiżi rispettivi mill-aħħar laqgħa tal-Parlament tal-2007.

Kull tgħalliemi kellu ċ -ċans jitkellem dwar aspetti ewlenin dwar it-twettiq ta' edukazzjoni inklużiva, kif ukoll il-benefiċċji u l-isfidi, mill-esperjenzi personali tiegħu / tagħha. L-importanza tal-edukazzjoni inklużiva ssemmiet ripetutivament matul id-diskussjonijiet u ċertament hija tema komuni fil-ħajjiet edukattivi taż-żgħażagħ.

Nixtiequ nirringrazzjaw lill-pajjiżi membri kollha għas-sostenn imprezzabbli, qabel, waqt, u wara l-Laqgħa. Nixtiequ wkoll nirringrazzjaw l-uffiċjali li attivament ipparteċipaw fis-sessjonijiet tal-ftuħ u l-għeluq tal-avveniment u mmoderaw is-sessjoni tar-riżultati tad-delegati żgħażagħ : is-Sur Milan Zver, Membru tal-Parlament

Ewropew; is-Sur Harald Hartung u Ms Ana Magraner mill-Kummissjoni Ewropea; Is-Sur Jerzy Barski, il-kelliemi tal-Presidenza Pollakka tal-Unjoni Ewropea; Ms Emilia Wojdyła, Deputat Direttur tal-Edukazzjoni, il-Polonja; Ms Aleksandra Posarac mill-Bank Dinji u Ms Kari Brustad mill-Ministeru tal-Edukazzjoni Norveġiż.

Fuq kollox, nixtiequ nirringrazzjaw it-88 delegat żagħżugħ kif ukoll il-familji tagħhom, dawk li akkumpanjawhom, l-għalliema u l-istaff tas-sostenn. Mingħajrhom dan l-avveniment importanti qatt ma seta' jkun possibbli u aħna se naħdmu biex nassiguraw li l-fehmiet tagħhom ma jintesewx.

| | |
|---|---|
| Per Ch. Gunnvall | Cor J.W. Meijer |
| Il-President | Id-Direttur |

# INTRODUZZJONI

Fis-7 ta' Novembru 2011, 88 żagħżugħ u żagħżugħa minn 31 delegazzjoni[1] ippreżentaw il-fehmiet tagħhom fuq l-edukazzjoni inklużiva fil-Parlament Ewropew. Din kienet it-tielet darba li avveniment bħal dan kien organizzat mill-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali (the Agency) fil-livell Ewropew.

L-għan ta' din il-laqgħa kien li għal darb'oħra jiġu involuti żgħażagħ bejn l-14 u d-19-il sena fid-diskussjonijiet fuq l-edukazzjoni inklużiva. Kull pajjiż membru tal-Agency kien mistieden biex jinnomina sa 2 delegati żgħażagħ bi ħtiġijiet speċjali u/jew diżabiltajiet u 1 mingħajr diżabiltà, mill-edukazzjoni sekondarja u vokazzjonali. Huwa importanti li wieħed jgħid li d-delegati nnominati rrappreżentaw medda wiesgħa ta' ħtiġijiet differenti, imma l-biċċa l-kbira tad-delegati żgħażagħ ġew mill-edukazzjoni mainstream u attendew is-seduta mal-koetanji tagħhom.

Dan l-avveniment kellu l-għan li jipprovdi liż-żgħażagħ minn madwar l-Ewropa b'opportunità li jsemmgħu leħinhom. Din is-seduta serviethom bħala pjattaforma biex jesprimu l-fehmiet tagħhom fuq l-edukazzjoni tagħhom, jispjegaw il-ħtiġijiet tagħhom u jaqsmu t-tamiet tagħhom għall-futur. Is-Seduta għenet ukoll liż-żgħażagħ biex jaqsmu l-esperjenzi personali tagħhom u jiddiskutu xi tfisser edukazzjoni inklużiva u kif din taffettwa l-ħajja ta' kuljum tagħhom.

L-istess kif ġara fl-2007, is-sehiema żgħażagħ irċevew dokument ta' mistoqsijiet preparatorji minn qabel is-Seduta għal skop ta' riflessjoni u diskussjoni fl-ambjenti edukattivi rispettivi tagħhom. Il-Ħadd 6 ta' Novembru, id-delegati żgħażagħ ipparteċipaw f'seba' gruppi ta' ħidma li fihom iddiskutew dawn il-mistoqsijiet, ikkontribwew bil-kummenti u l-proposti u ħejjew sommarju qasir tad-diskussjonijiet tagħhom biex ikun ippreżentat l-għada fil-Parlament Ewropew. Il-mistoqsijiet diskussi kienu:

---

[1] L-Awstrija, il-Belġju (il-Komunitajiet Franċiżi u Fjammini), Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Fillandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Islanda, l-Isvezja, l-Isvizzera, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Norveġja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit (l-Ingilterra, l-Irlanda ta' Fuq, l-Iskozja u Wales), ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, Spanja, l-Ungerija

- Fl-opinjoni tiegħek, x’inhi edukazzjoni inklużiva?
- Tista’ tiddeskrivi kif l-edukazzjoni inkużiva tista’, jew għandha tintlaħaq fil-livell prattiku fl-iskola tiegħek? Ngħidu aħna, kif inhi organizzata l-klassi, xi programmi hemm, x’tip ta’ sostenn hemm, eċċ.
- Fl-opinjoni tiegħek, x’inhuma l-benefiċċji ewlenin u l-isfidi li ġġib magħha edukazzjoni inklużiva, jew li tista’ ġġib għall-edukazzjoni tiegħek?
- Għandek xi kummenti oħra?

Sommarju tad-diskussjonijiet tad-delegati żgħażagħ kienu ppreżentati fil-Parlament Ewropew u r-riżultati ta’ dawn id-diskussjonijiet jikkostitwixxu l-qofol ta’ dan ir-rapport.

Il-paġni li ġejjin jagħtu fid-dettall l-ideat komuni u l-aspetti varji li d-delegati żgħażagħ qasmu bejniethom, u kien hemm ftehim fuqhom. Il-maturità u l-livell profond tad-diskussjonijiet tagħhom jidher minnufih; m’hemmx ħtieġ a li ‘ninterpretaw’ dak li qalu, imma sempliċiment li nirrekordjaw il-kummenti u s-suġġerimenti tagħhom. L-ideat u l-proposti minn kull grupp huma ppreżentati mingħajr referenzi għal-livell ta’ edukazzjoni (sekondarja jew vokazzjonali) tad-delegati żgħażagħ, jew jekk għandhomx ħtiġijiet speċjali jew le. Is-sehem tagħhom madankollu huwa miġmugħ skont it-tweġibiet għall-erba’ mistoqsijiet imsemmija hawn fuq: x’inhi edukazzjoni inklużiva; kif inhi mwettqa fil-prattika; x’inhuma l-benefiċċji u l-isfidi; kummenti oħra. Sa fejn hu possibbli ntuża l-kliem oriġinali u l-iffrejżjar tad-delegati żgħażagħ; ftit sar editjar għall-istqarrijiet li kien hemm qbil fuqhom.

Fid-diskussjonijiet ta’ kull grupp ta’ ħidma kien hemm għadd ta’ xejriet u temi ewlenin. Dawn kienu jinkludu:

- Id-dritt għal edukazzjoni ta’ kwalità u ekwalità ta’ opportunità fl-edukazzjoni;
- L-ikkumbattjar tad-diskriminazzjoni;
- Il-proviżjoni tas-sostenn neċessarju;
- L-eliminazzjoni ta’ xkilijiet fiżiċi, soċjali u edukattivi li jeżistu;
- Il-benefiċċju mutwu li edukazzjoni inklużiva tista’ toffri lit-tgħalliema kollha.

Barra mill-mistoqsijiet preparatorji, kull delegazzjoni tal-pajjiż intalbet tiddisinja poster biex jillustra kif inhi espressa l-edukazzjoni inklużiva fl-ambjenti edukattivi rispettivi tagħhom. Id-delegati, għall-iskop tal-posters tagħhom, użaw kull tip ta' materjali – viżwali, tattili u anke permezz tas-smigħ. Il-posters kienu ppreżentati barra l-Parlament Ewropew sewwa sew fil-kamra tal-laqgħa waqt is-Seduta u s'issa jistgħu jinkisbu mill-'Ġabra tal-Poster' li kienet ippubblikata flimkien ma' deskrizzjoni qasira tal-posters u dettalji oħra dwar id-delegati żgħażagħ u l-iskejjel tagħhom.

It-tagħrif kollu dwar is-Seduta 2011 jista' jinkiseb mill-websajt tal-Agency: http://www.european-agency.org/agency-projects/european-hearing-2011

## KONTRIBUZZJONIJIET MID-DELEGATI ŻGĦAŻAGĦ

### Fl-opinjoni tiegħek, x'inhi edukazzjoni inklużiva?

Id-delegati żgħażagħ iddiskutew id-drittijiet – id-dritt ta' kwalità għall-edukazzjoni, l-għażla u l-ekwalità u r-rispett. Huma sostnew li l-edukazzjoni inklużiva mhijiex biss dwar tqegħid ma' xulxin fl-istess imkien, imma dwar kif ikollok ħbieb u relazzjonijiet tajba mal-koetanji tiegħek.

Huma qajmu l-punt li l-edukazzjoni inklużiva hija ta' benefiċċju għal kulħadd: din toħloq l-opportunità li wieħed jitgħallem u jaqsam l-esperjenzi. Huma enfasizzaw ir-rwol importanti li għandhom l-għalliema u l-koetanji u saħqu li l-edukazzjoni inklużiva hija l-ewwel tarġa għal skop ta' membri sħaħ fis-soċjetà.

Hawnhekk se nagħtu xi aspetti mill-kontribuzzjonijiet tagħhom:

Kulħadd għandu l-istess dritt li jistudja. Huwa dritt uman li wieħed jistudja u li jkollu aċċess għal edukazzjoni tajba ta' kwalità. Jekk xi ħadd ikollu problema, għandu jkollu gwida biex tgħinu. L-inklużjoni ssir mill-komunità kollha: il-familja, l-iskola, eċċ. Inti għandek id-dritt li jkollok assistenza jekk inti differenti, irrispettivament minn kemm inti differenti (Dagur).

L-edukazzjoni inklużiva tfisser li tkun/titgħallem flimkien ma' kulħadd. Aħna lkoll ugwali u aħna differenti; aħna għandna d-dritt li nagħżlu dak li rridu nagħmlu – is-suġġetti, kif jintgħallmu (James). L-edukazzjoni inklużiva hija li jkollok iċ-ċans li tagħżel l-edukazzjoni tiegħek (John, Nana-Marie).

L-edukazzjoni inklużiva tfisser li n-nies kollha jkunu fl-istess skola u fl-istess klassi (Fé, Josette, Kanivar). Huwa li jkollok lezzjonijiet fi skola ordinarja; ikollok il-ħbieb, u mhux sempliċiment titgħallem flimkien; kulħadd jagħmel l-istess attivitajiet. Imma hija wkoll dwar li jkun hemm ambjenti speċjali fl-iskejjel mainstream; ikollok il-possibiltà li tattendi l-istess lezzjonijiet fi gruppi żgħ ar ma' studenti oħra b'diżabiltajiet simili (Michalis, Andreani, Maria).

L-edukazzjoni inklużiva hija għat-tfal kollha. L-iskejjel normali għandhom ikunu qrib id-djar. Din l-esperjenza tippromwovi li wieħed jiltaqa' ma' nies mill-viċinanzi (Waclaw).

L-edukazzjoni inkluživa hija li tkun parti mill-klassi ‘normali’ u li tkun ‘normali’. Kulħadd huwa inkluż. Kull żagħżugħ/żagħżugħa b’diżabiltà għandu jħossu milqugħ fil-klassi u li l-istudenti mingħajr ħtiġijiet speċjali jirrispettawh. Fi ‘klassi normali’, jekk l-istudenti jkollhom ħtiġijiet oħra, ngħidu aħna jkollhom il-ħtieġa ta’ interpretu tas-sinjali, l-iskola għandha tipprovdilhom wieħed. L-idea hi li kulħadd ikun jista’ jipparteċipa (Lise).

Mhuwiex sempliċiment dwar li tkun parti minn skola normali; imma li tkun parti mis-soċjetà. Kull persuna b’xi diżabiltà għandha d-dritt li tintgħallem fi skejjel normali jekk hu / hi jaħseb hekk u jkun kapaċi jagħmel dan. Inti xorta għandek tagħtih għażla jekk ma jkunx kapaċi jagħmel dan (Jere). Huwa dwar id-dritt li jkun inkluż, bl-għażliet, imma dejjem ikun inkluż fis-soċjetà (Fabian, Pedro, Diogo, Josette).

L-inklużjoni tfisser aktar rispett, konnessjonijiet, ħ bieb ġ odda u informazzjoni ġdida – fl-oqsma kollha tal-ħajja (Rolands).

L-edukazzjoni inkluživa hija approċju wiesa’; mhijiex biss dwar gradi tajbin, imma dwar kuntatti u relazzjonijiet soċjali tajbin. L-iskola hija aktar minn sempliċiment titgħallem mill-kotba – hija dwar relazzjonijiet soċjali. L-edukazzjoni inkluživa mhijiex sempliċiment dwar l-iskola, imma hija wkoll dwar komunità usa’ (Bethany, Gemma, Sophie).

Hija li titgħallem tgħix flimkien u tirrispetta lil kulħadd kemm min għandu kif ukoll min m’għandux diżabiltà (Emile). Hi x’inhi r-razza, il-gender, il-ħtieġa speċjali, kulħadd jgħin u jsostni wieħed lil ieħor. Għalija, il-prinċipju ewlieni hija soċjetà ta’ solidarjetà (Maria). Huwa importanti li aħna naċċettaw lil xulxin, anke jekk għandna ħtieġa speċjali jew kultura jew reliġjon differenti (Francesco). Hija dwar li n-nies fl-iskejjel jitgħallmu dwar ħtiġ ijiet speċjali differenti, b’mod speċjali dawk li ma jistgħux jaraw (Mathias). L-edukazzjoni inkluživa mhijiex biss dwar diżabiltajiet jew diżordnijiet, imma ambjenti kulturali differenti, eċċ. (Elin).

Il-membri kollha tal-komunità tal-iskola għandhom jittrattaw lil kulħadd b’rispett. Li naċċettaw u nirrispettaw lil xulxin; hawnhekk fejn jibda kollox. L-edukazzjoni inkluživa tinħtieġ li studenti oħra u l-għalliema jagħtu s-sehem tagħhom (Barbara, Mirjam, Triin).

Il-punt tat-tluq għal edukazzjoni inkluživa hija l-konxjożità tal-għalliema u l-edukazzjoni (Sophie u Gemma). L-għalliema għandhom ikunu konxji ta’ dak li kulħadd ikun jinħtieġ u jagħtu opportunitajiet

biex wieħed jilħaq l-għanijiet b'suċċess. Aħna lkoll għandna t-talenti tagħna – flimkien nagħmlu komunità ta' ħidma aħjar (Klara).

L-għalliema għandhom ikunu hemm għal kulħadd – l-edukazzjoni inklużiva tinħtieġ riżorsi addizzjonali bħal ħin u flus imma kull student għandu jieħu l-edukazzjoni li jrid (Philipp). L-edukazzjoni inklużiva tgħin biex tiżviluppa l-ħiliet li fihom ikunu tajbin u jkollhom l-għajnuna f'dawk il-ħwejjeġ fejn ikollhom diffikultajiet (João). L-edukazzjoni inklużiva tfisser ukoll li wieħed jikseb il-ħwejjeġ materjali li jkollu bżonn (Carlo, Melania).

Il-foku ħafn a drabi jkun fuq ħwejjeġ prattiċi (bħall-bini), imma l-inklużjoni fil-biċċa l-kbira tagħha hija fl-imħuħ tan-nies. Kulħadd għandu jkollu d-drawwa li jaħseb dwar diżabiltajiet differenti, u mhux jiddiskrimina jew jifred. Hemm ħ afna xogħol li jista' jsir fost l-għalliema u l-istudenti biex jinstab it-talent u l-possibiltajiet. Li wieħed jaqsam skont id-diżabiltà jwassal għal ostakli akbar (Mei Lan).

L-edukazzjoni inklużiva għandha tkun dwar it-tkissir tal-firdiet (Wessel). Jinħtieġ li nneħħu l-firdiet fis-sens wiesa' tal-kelma; hemm bżonn li nbiddlu l-mentalitajiet tan-nies (Jens). Kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni tajba, xi wħud jinħtieġu aktar sostenn minn oħrajn, imma d-drittijiet ta' kulħadd għandhom jintlaħqu (Francesco).

L-edukazzjoni inklużiva hija l-inklużjoni b'suċċess ta' studenti b'diżabiltajiet (Daniel).



**Tista' tiddeskrivi kif l-edukazzjoni inklużiva tista', jew għandha tintlaħaq fil-livell prattiku fl-iskola tiegħek?**

Id-delegati żgħażagħ iddeskrivew xi karatteristiċi tal-ambjenti edukattivi tagħhom u esprimew xi tħassib li kellhom.

Hawn għandek issib il-kontribuzzjonijiet tagħhom:

Fl-iskola Ogħla tiegħi għandna programmi speċjali għal tfal b'diżabiltà, bi kmamar speċjali fejn jingħenu dawn l-istess tfal. Ikun hemm il-helpers magħhom. Xi minn daqqiet l-istudenti jkunu wkoll ma' kulħadd fil-klassi, jekk dan ikun aħjar għalihom. L-istudenti fil-wheelchairs ikollhom partijiet aktar komdi fil-klassi. Jiena nbati bl-ADHD (diżordni iperattiva ta' defiċit fl-attenzjoni) u kull tant ħin ikolli bżonn nitlaq mill-klassi. Din hi xi ħaġa li studenti oħra ma jifhmux (Dagur).

Jiena naħseb li l-istudenti jħossuhom integrati ħafna; l-għalliema jgħinuna jekk ikun hemm bżonn u l-istudenti l-oħra jgħinu ħafna wkoll (Claudia). Din tgħinna biex inħossuna bħal kull ħaddieħor (Claudia, Chiara, Yohana). Jiena qiegħda fi skola tal-catering; jiena qiegħda mal-ħbieb tiegħi. Fil-klassi, hemm persuna ta' sostenn speċjali imma din tgħin lil kulħadd. Xi minn daqqiet l-istudenti jgħiru wkoll, imma dan hu rari ħafna (Chiara). Xi minn daqqiet l-istudenti b'diżabilitajiet jittieħdu 'l barra mill-klassi, jekk ikun hemm bżonn (Yohana).

L-inklużjoni tibda mill-kindergarten. Ikun hemm diskussjonijiet regulari ma' kulħadd (għalliema, ġenituri, studenti): is-sitwazzjoni hija tajba kif inhi? Fejn ikollok bżonn l-għajnuna? Sakemm is-sitwazzjoni hija tajba għal kulħadd, l-istudent joqgħod fil-klassi. Fil-bidu tas-sena, il-klassi hija mħejjija biex ikun fiha student/a b'diżabiltà – jgħidulhom dwar it-tip tad-diżabiltà li l-istudent ikollu. Fl-iskola tagħna n-nies ikollhom l-għażla ta' fejn ikunu jridu joqogħdu. F'pajjiżi hemm organizzazzjoni li tipprovdi materjal speċjali u IT. L-iskola tista' tissellef l-għajnuniet mill-organizzazzjoni u l-istudenti jistgħu wkoll jeħduhom id-dar. Meta ma jkollhomx bżonn dawn l-għajnuniet aktar dawn imbagħad jintużaw minn studenti oħra fl-istess skola jew f'oħrajn. Huwa importanti li jkollhom għajnuniet teknoloġiċi bħala għajnuna (Melania, Carlo).

Jiena qiegħed fi skola tal-catering. Hemm żewġ dipartimenti separati fl-iskola, wieħed għal studenti b'diżabiltajiet u wieħed għal studenti mingħajr diżabiltajiet. Jiena qiegħed f'wieħed bid-diżabiltajiet, imma kont nippreferi li nkun f'dak fejn hemm kulħadd. Jiena naħseb li l-istudenti għandu jkollhom l-għażla li jkunu fejn iħossuhom komdi l-

aktar. F'pajjiżi l-bini tal-iskejjel mhumiex iddisinjati għal nies b'diżabiltajiet; dawk li jużaw il-wheelchair ma jistgħux jistudjaw hemmhekk. Xi ħaġa trid issir mill-gvern. Barra minn hekk, m'hemmx personnel biżżejjed. Qabel kien diffiċli għalija; in-nies kellhom ikunu b'saħħithom fil-pajjiż u n-nies b'diżabiltà kienu dgħajfa u ma tantx kienu jarawhom sbieħ, imma issa s-sitwazzjoni hija aħjar. Il-fatt li nkun l-iskola twassalni biex inħossni aktar b'saħħti u aktar kuraġġuż; huwa eħfef għalija li nikkomunika ma' oħrajn issa (Artūras).

Jiena qiegħed fl-industrija tal-catering, għandi l-klassijiet tat-tisjir, klassijiet tal-catering, klassijiet hekk imsejħa tal-waiting staff eċċ. L-għan hu li jkolli xogħol fl-industrija tal-catering, imma dan huwa diffiċli: nies b'diżabiltà xi minn daqqiet jiġu ttrattati ħażin. Jinħtieġ li jkun hemm ħafna tibdil. Il-kurrikulu regolari xi minn daqqiet jista' jkun li jħawwad lil xi studenti b'xi diżabiltajiet. L-għalliema huma stressjati għall-eżamijiet nazzjonali u ma jagħtux biżżejjed attenzjoni lill-istudenti li jkunu jinħtieġu aktar għajnuna (Stefanos).

Jiena qiegħda fi skola mainstream, fi klassi ma' disa' studenti oħra b'diżabiltajiet. L-għalliema qegħdin hemm għaż-żewġ tipi ta' studenti. Xi minn daqqiet inħossni xi ftit segregata, għax ikolli nistaqsi lill-għalliema biex inkun mal-oħrajn. Jiena qiegħda ma' studenti oħra biss meta jkunu qegħdin jieħdu l-kolazzjon. Jiena għandi kurrikulu speċjali, skeda speċjali fi programm speċjalizzat (Audrey).

Fil-bidu tal-iskola sekondarja jiena kelli żewġ skejjel biss li stajt nagħżel minnhom – ma kienx hemm biżżejjed staff imħarreġ biex jgħallem studenti b'diżabiltà. Jiena għandi esperjenza pożittiva maż-żewġ għalliema – jiena kien ikolli għalliem wieħed u issa l-għalliem li għandi jispjega aħjar. Fl-iskola għandhom jibnu elevatur (Zsófia).

Jiena studjajt fi programm speċjali u l-għalliema jsegwu dan matul is-snin. Issa, fl-iskola l-ġdida m'iniex fi programm speċjali u sejra tajjeb. Imma l-għalliema mhumiex imħarrġa u m'hemmx biżżejjed ħinijiet ta' xogħol; fil-Matematika jkun hemm 28 ruħ fil-klassi ma' għalliem wieħed; hemm nuqqas ta' staff. Fl-iskola hemm ħafna nies li għandhom xi diżabiltà. Ġie deċiż li fl-iskejjel iż-żgħażagħ ikollhom biss suġġetti vokazzjonali (bħal jaħslu) u m'għandhomx iċ-ċans li jistudjaw suġġetti professjonali (bħall-Matematika, eċċ.). Il-gruppi huma kbar ħafna għax m'hemmx biżżejjed fondi biex jgħinu aktar gruppi. Hemm nuqqas ta' elevaturi (Ingre).

Fl-iskola jintgħallmu l-ħiliet bażiċi. Jien kont fi klassi 'li tibbriġġja' u sibt li ma stajtx nieħu s-suġġett taċ-childcare. Jiena nixtieq li nkun fi

klassi fl-istess livell bħal kull ħaddieħor, anke jekk il-gradi tiegħi jkunu ta' livell iktar baxx. F'pajjiżi hemm ħafna sostenn; persuna għandha tingħata ċ-ċans li tieħu suġġetti li trid jew il-GCSE (iċ-Ċertifikat Ġenerali tal-Edukazzjoni Sekondarja). Imma mhuwiex ġust li mhux kulħadd ikollu l-istess sostenn (Leanne).

Jiena kont naf li kont kapaċi nlaħħaq ma' suġġetti varji u kelli ngħidu u nipprova lili nnifsi mal-għalliema – li ma setgħux jemmnuni; jiena ħassejtni ddisrispettat. Aħna lkoll l-istess, ilkoll għandna l-problemi. Kull għalliem għandu opinjoni differenti, huma jispjegaw l-affarijiet b'modi differenti – din tħawdek (Rolands).

L-iskola tiegħi tinħtieġ li jkollha programm aktar flessibbli, ibbażat fuq dak li huwa l-aktar sinifikanti għall-istudent/a. Huwa importanti li noħorġu mill-klassi għal xi ftit ħin, li jkollna 'breaks' qosra, li jkollna post fejn nistrieħu u nirrilassaw (João).

Jiena nattendi skola sekondarja mainstream. Naħseb li huwa neċessarju li ntejbu l-metodi tat-tagħlim; li jkollna aktar teknoloġija, għajnuniet viżwali u eżamijiet differenti (Andreani).

Jiena nattendi unità speċjali. Hemm bżonn li jkun hemm aktar assistenti ta' għajnuna u studenti bl-istess diffikultajiet li jkunu fl-istess grupp. Għandna jkollna logħob u sport u nħossuna siguri u sodisfatti (Michalis).

Aħna nattendu skola komprensiva. Nixtiequ li jkun hemm klassijiet differenti għal livelli differenti u aktar għażliet. Nixtiequ li jkollna l-istess klassijiet għal nies bl-istess diżabiltà (Elmo u Kanivar).

Aħna qegħdin fl-istess skola sekondarja mainstream (Pedro u Fabian). Nixtieq li jkun hemm aktar nies b'diżabiltà fl-iskola biex b'hekk in-nies jifhmu aktar lil xulxin (Pedro). Il-canteen għandu jintjieb. Nixtieq li nitgħallem aktar u aħjar (Fabian).

Jiena qiegħda fi skola sekondarja mainstream. L-iskola għandha tkun adattata għall-materjal li għandhom u l-għalliema għandhom ikunu ppreparati (Aure).

Jiena nattendi skola sekondarja mainstream. Jiena naħseb li għandu jkun hemm nies b'xi diżabiltà fl-iskejjel biex b'hekk ikunu jistgħu jifhmuhom aktar; m'hemm ħadd l-iskola tagħna (Fé).

Aħna nattendu skola komprensiva mainstream (Sam u Charlotte).

Huwa importanti li jiġi pprovdut is-sostenn għat-tgħallim. Imma l-għalliema huma stretti u jieħdu deċiżjonijiet mingħajr ma jistaqsu. Dipartiment ta' sostenn ta' tgħallim b'saħħtu huwa ta' benefiċċju, imma mhux dejjem tajjeb (Sam).

Jiena nattendi skola speċjali u nħossni ok. Hemm il-ħtieġa ta' elevaturi fl-iskejjel – ħafna drabi ma ssibhomx (Jere).

Jiena nattendi gymnasium. Għandi għalliema tal-għaġeb u ma nafx x'jista' jintjieb (Maria).

Aħna nattendu skola sekondarja mainstream. L-iskola tipprovdi interpretaturi tas-sinjali, elevaturi u dwal li jindikaw il-breaks. Hemm bżonn li jkun hemm aktar teknoloġija u bidla fil-mentalità tal-għalliema u tal-istudenti (Diogo u Josette).

Fil-klassi tiegħi kien hemm student wieħed bl-SEN li ma kienx iħossu ferħan fil-klassi ('ma kien qiegħed jitgħallem xejn'), imma hemm ħabib ieħor fl-iskola sekondarja tiegħi li jħoss li l-edukazzjoni inklużiva hija vera tajba u esperjenza siewja. Fil-klassi tiegħi għandna għalliem u persuna li takkumpanjah. Din il-persuna hija ta' għajnuna kbira. Kull persuna għandu/ha tkun taf x'inhu l-aħjar għalih / għaliha (Nika).

Jiena għandi assistenta tgħinni u nħossni tajba magħhom għax huma jsegwu dak li ngħid. Jekk aħna nkunu qegħdin nitkellmu dwar il-klassijiet b'nies biss bl-SEN, ikun OK jekk ikun hemm klassijiet żgħar. Jiena qiegħda fi skola speċjali u nħossni ferħana fiha għax inħoss li l-għalliema jifhmu lill-istudenti bl-SEN. Imma naħseb li jkun aħjar jekk l-istudenti bl-SEN ikunu fi klassijiet normali b'assistenza ta' għajnuna (Domen).

F'pajjiżi klassi normali tkun magħmula minn 26 student u jiena xtaqt inkun fi klassi normali. Fil-klassi regulari studenti oħra jgħiduli 'tagħmilx hekk'. Huwa sabiħ li tagħmel dak li hu normali f'dinja normali. Inħoss li huwa aktar iebes għax jiena għandi magni speċjali li jieħdu aktar ħin, imma nħoss li jkun tajjeb li jkollok ħbieb li jistgħu jaraw u jgħinu. L-istudenti għandhom id-dritt li jkunu megħjuna u li jirċievu l-għajnuna mill-għalliema tagħhom wara l-klassijiet, ngħidu aħna waqt il-ħin tal-kolazzjon. L-għalliema u l-istudenti fil-klassi jafu kif jaħdmu miegħi. Naf li hemm ċentru li jipprovdi sostenn għall-għalliema (Sofie).

Hemm bżonn li tagħżel jekk tkunx trid toqgħod f'edukazzjoni inklużiva jew jekk tkunx trid attenzjoni sħiħa u jekk tiddeċiedi fit-tieni għażla

jkun aħjar li tkun fi klassi iżgħar. Jiena nipparteċipa fi proġett li fih jinfurmaw oħrajn dwar nies b'diżabiltà fl-edukazzjoni. Il-proġett huwa bbażat fuq studenti li jħarrġu studenti u għalliema li jħarrġu għalliema (Laima).

Jiena ferħan li għandi żewġ għalliema; wieħed minnhom qiegħed jgħinni. Jiena ħadt sehem fi proġett fejn kulħadd jista' jara films u wara dak jitkellem dwar problemi f'diskussjonijiet fi grupp. Jiena jkolli sostenn minn assistenta biex nagħmel il-homework (Waclaw).

Jiena nħossni li qiegħed f'sitwazzjoni normali b'żewġ għalliema fil-klassi tiegħi (Orlando).

Huwa importanti li jkollok sostenn ta' terapista tat-taħdit. Jiena nżomm kuntatt ma' għalliema permezz ta' SMS jew b'emails mat-terapista tat-taħdit. L-għalliema xi minn daqqiet jinsew li jiena ninħtieġ il-qari-bix-xoffa meta t-traduttur ma jkunx fil-klassi; huma jdawru daharhom lejja waqt li jkunu qegħdin jitkellmu u jużaw vokabolarju diffiċli li jiena ma nkunx nista' nifhmu (Méryem).

Jiena għandi esperjenza li qiegħed fi skola li fiha studenti bl-SEN. L-iskola hija magħmula għalihom. Barra minn hekk studenti oħra jgħinu lil xulxin mingħajr 'm'għandhom għalfejn' – huma sempliċiment 'jagħmluha' (Edgars).

Jiena għandi sostenn ta' riabilitazzjoni u pariri aħjar fiċ-ċentru speċjali milli fl-iskola regulari, imma jiena nistaqsi x'inhi l-qagħda ta' dawk li għandhom diżabiltajiet aktar severi. Jiena qiegħed fi skola speċjali għaliex l-eqreb skola ma kinetx l-aħjar għalija (Tuomas).

Jiena nħoss li l-fatt li tkun ma' studenti oħra li għandhom l-istess ħtiġijiet jagħmilni nħossni normali mat-tfal tal-klassi tiegħi. Jiena qiegħda fi klassi ta' 8 studenti u lkoll neqsin mis-smigħ (Kamilla).

Ħassejt li fl-iskola 'inklużiva' tiegħi jiena kont ibbulijata minn studenti oħra. Jiena togħġobni l-idea li fl-iskola speċjali tiegħi hemm ħafna kompjuters f'kamra speċifika li hija miftuħa filgħaxijiet biex l-istudenti jkomplu l-homework (Rebeca).

L-għalliema xi minn daqqiet jiffukaw biss fuq l-affarijiet li jiena ma nistax nagħmel, mhux fuq il-ħiliet tiegħi (Þórdur).

Jiena qiegħda fi skola mainstream u fiha hemm studenti li għandhom is-sindromu tal-Asperger fil-klassi (Marie).

Fl-iskola tagħna hemm nies li għandhom problema fil-vista u għomja. Aħna għandna għalliema speċjali fl-iskola. Għall-klassijiet tal-Matematika aħna għandna għalliema speċjali li jgħinu gruppi żgħar ta' studenti li għandhom problema fil-vista. It-teknoloġija Braille hija importanti ħafna (Dean, Robert). Aħna għandna membri tal-istaff li huma ddedikati ħafna u li jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet ta' nies żgħażagħ b'diżabiltà (Daniel).

F'pajjiżi, dawk li jużaw il-wheelchair għandhom assistenti speċjali u hemm ukoll xejriet arkitetturali speċjali bħal rampi u handles li jgħinuhom. Fil-klassi, l-għalliema huma konxji tal-ħtiġijiet tal-istudenti. Aħna għandna assistenti ta' sostenn fit-tgħallim. Jekk inkun marida, m'hemmx problemi biex nagħmel il-korsijiet u l-homework. Fl-eżamijiet, ikolli ħin extra u nista' jkolli break jekk ikun hemm bżonn (Maria).

Jiena qiegħda fi skola mainstream u nirċievi sostenn addizzjonali. Jiena nħossni integrata. Jiena nħossni l-istess bħal studenti mingħajr ħtiġijiet speċjali. F'pajjiżi jkollna għalliema speċjali fl-iskejjel mainstream li jgħinuna (Pauline).

Jiena qiegħda fi skola sekondarja fejn m'hemmx nies bi ħtiġijiet speċjali (Emile).

Jiena qiegħed fi skola mainstream, imma jiena wkoll parti mill-unità ta' edukazzjoni inklużiva. Jiena nirċievi ħafna għajnuna u ħin extra għall-eżamijiet (Honoré).

Jiena nieħu gost b'riżorsi bħalma huma inqas mistoqsijiet, jew aktar ħin fl-eżamijiet. Huwa importanti li jiġu pprovduti adattazzjonijiet għall-ħtiġijiet tiegħi (Jakub).

Jiena m'għandi l-ebda sostenn addizzjonali fl-iskola tiegħi. Sħabi tal-klassi jsostnuni u jgħinuni billi jġibuli l-homework. Huma jifhmuni aħjar xi minn daqqiet mill-għalliema. Jiena qiegħda fi skola mainstream, u fil-klassi tiegħi, jiena l-unika waħda bi ħtiġijiet speċjali. Fil-verità huma ma jgħinunix għax jiena qiegħda fi skola 'normali' (Melanie).

Jiena qiegħda fi klassi 'normali' u l-ħajja tiegħi fl-iskola hija adattata għall-ħtiġijiet tiegħi. Jiena għandi l-benefiċċju ta' kompjuter, mejda ikbar u trasport biex immur l-iskola u nerġa' d-dar. Jiena ffortunata bl-għalliema li għandi. Imma xi għalliema ma jridux jifhmu; jekk mhux fil-kurrikulu, huma ma jkunux iridu jgħinu u jadattaw il-programm (Lise).

Jiena ma kellix bżonn skola speċjali, imma ma kellix għażla għax l-iskola mainstream ma kellhiex l-aċċess li għandi bżonn (Bethany).

L-iskola mainstream għamlitni persuna aktar b'saħħitha; ħejjietni għad-dinja reali. Tħejjija għal edukazzjoni inklużiva kif għandu jkun hija kruċjali; il-materjal proprju fil-formats proprji huma kruċjali. Għandek tqajjem konxjożità u jkollok l-għodod biex tgħin tbiddel l-attitudnijiet lejn in-nies bi ħtiġijiet speċjali (Gemma).

Sostenn minn nies barra mill-istaff tal-iskola li jistgħu jagħmluha ta' medjatur għall-istudenti bi ħtiġijiet speċjali hija importanti. Kien hemm għalliema li ma ridux jikkoperaw biex jagħmlu l-edukazzjoni inklużiva taħdem għalija u għal oħrajn; l-għalliema għandhom jaċċettaw lil kulħadd fil-klassijiet tagħhom. Għal xi studenti, l-iskejjel speċjali jistgħu jippreparawhom għall-iskejjel mainstream aktar tard; l-iskola speċjali ppreparatni għall-iskola ogħla fil-livell mainstream (Wessel).

Li jkollok sħabek tal-iskola li jsostnuk u li jkollok is-sostenn tajjeb waqt l-allokament tax-xogħol huwa importanti (Jože).

Fl-iskola tiegħi ma kienx hemm studenti b'diżabiltà ħlief sas-sena li għaddiet; il-koetanji kienu anzjużi dwar id-differenzi (Keenan).

Jiena kelli persuna li kellha problemi fis-smigħ fil-klassi tiegħi – l-għalliema kienet issostnieha, imma kienet bħal qisha babysitting – li tkun wisq protettiva ma jgħinx lill-istudenti b'diżabiltà. Mhuwiex naturali. L-iskola tiegħi hija aċċessibbli għal min juża l-wheelchair u ssostni wkoll studenti li jkollhom problemi bis-smigħ u l-vista. Aħna jkollna seminars fejn iż-żgħażagħ jitkellmu dwar id-diżabiltà tagħhom u jkollhom aktar sostenn mill-koetanji (Asgerdur).

Jiena nattendi klassijiet mainstream darba fil-ġimgħa – dan huwa importanti. Għalliema li jgħinu koetanji huma kruċjali – fl-iskola primarja dan ma kienx il-każ, issa fis-sekondarja nħossni sodisfatt. (Lukasz).

Aħna kellna dipartiment separat għal ħtiġijiet ta' sostenn addizzjonali, imma konna wkoll sostnuti minn awżiljari biex jgħinuna naqraw mill-bord eċċ. Għalliem għal min għandu problema fil-vista kien jipprovdi t-tagħmir (Katrina).

Hemm 38 tifel fl-iskola speċjali, għalhekk hemm inqas suġġetti u aktar xogħol prattiku. Il-klassijiet huma żgħar ħafna imma xi materjali mhumiex adattati, eż. DVDs mingħajr sottotitoli. Huwa dejjem diffiċli meta għalliem ġdid jibda jaħdem għax wieħed jieħu ż-żmien biex jibni

fehim mutwu. L-iskejjel għandhom ikunu mħallta (subien/bniet) (Simon).

L-għalliem tal-ICT fl-iskola tiegħi għandu diżabiltà, ukoll – din tgħinu jifhem il-ħtiġijiet speċjali aktar – huwa aktar familjari mal-problemi tal-istudenti tiegħu (Áron).

Diżabiltajiet differenti jinħtieġu sostenn differenti. Fl-iskola tiegħi kienu jintużaw mikrofoni u xi għalliema kellhom klassijiet iżgħar. L-iskola kienet sular wieħed (aċċessibbli bil-wheelchairs). Kien hemm ukoll għajnuniet tekniċi għall-istudenti bi problemi fil-vista, bħal enlargers, u spazju għal 'ħin barra' għal dawk bl-ADHD, eċċ. (Elin).

Jiena nikteb bil-mod ħafna u ninħtieġ ħin extra għat-testijiet, eċċ. (Philipp).

Jiena għandi ħabib bid-dislessija li kellu għajnuna kbira b'kompjuter u l-ħin extra. Files awdjo u sostenn tal-koetanji kienu jintużaw imma mhux b'mod konsistenti (Klara).




**Fl-opinjoni tiegħek, x'inhuma l-benefiċċji ewlenin u l-isfidi li ġġib magħha edukazzjoni inklużiva, jew li tista' ġġib għall-edukazzjoni tiegħek?**

Id-delegati żgħar esprimew dawk li jikkunsidraw bħala li huma l-*benefiċċji* li ġġib magħha edukazzjoni inklużiva, jew li tista' ġġibilhom. Dawn jinkludu, fost aspetti oħra, li tkun imħejji aktar biex issib xogħol aktar 'il quddiem, li tkun iktar b'saħħtek u iktar indipendenti, li tkun taf

kif inhi l-ħajja vera, li tiġġieled id-diskriminazzjoni u l-istereotipi, li jkollok aktar ħbieb, li tħossok 'normali' u li tkisser il-firdiet.

Hawn isfel se ssib xi kontribuzzjonijiet taż-żgħażagħ:

Huwa eħfef li jkollok xogħol għax ikollok diploma ġ enerali. Huwa eħfef li tkun integrat fil-komunità jekk inti tkun fi skola mainstream milli jekk inti tkun fi klassi ma' persuni b'xi diżabiltà (Melania, Carlo).

L-għan ewlieni tal-iskejjel huwa li jħejju liż-żgħażagħ għall-ħajja reali. Li taħdem u titgħallem flimkien jgħin għal futur isbaħ (Jonas). Fi skejjel speċjali ma jkunux jafu kif tgħix f'soċjetà normali (Waclaw). Huwa importanti għal kulħadd li jkollu l-istess diploma meta jispiċċa l-iskola. Din l-inizjattiva tagħtihom iċ-ċans li jkunu inklużi fis-soċjetà moderna (Laima u Kamilla).

Li jkollok relazzjonijiet soċjali tajbin huwa sabiħ, imma li jkollok opportunitajiet li jkollok xogħol tajjeb huwa kritiku; l-edukazzjoni inklużiva tagħtik dawn l-opportunitajiet (Jože).

L-edukazzjoni inklużiva tagħti lill-istudenti bi ħtiġ ijiet edukattivi speċjali prattika fl-ispjegazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom – huma definittivament għandhom il-ħtieġa li jagħmlu dan fis-soċjetà u meta jkunu jaħdmu (Barbara). L-esperjenza xi drabi hija aktar importanti mill-kwalifiki. Ladarba jirnexxilna nirranġaw l-edukazzjoni tagħna, ħwejjeġ oħra fis-soċjetà jsibu posthom (Leanne).

Huwa tassew importanti li n-nies bi ħtiġ ijiet speċjali jiġu inklużi fl-iskola mainstream għax l-istudenti l-oħra jistgħu jitgħallmu dwar id-diżabiltajiet. Studenti li jkollhom jew ma jkollhomx ħtiġ ijiet speċjali jistgħu jitgħallmu minn xulxin u jaqsmu l-għarfien tagħhom bejniethom (Efstathios).

Huwa importanti li titgħallem dwar nies oħra u l-ħajjiet tagħhom; titgħallem minn oħrajn billi taqsam l-esperjenzi (Charlotte, Diogo, Méryem, Zineb). Dan jiftaħ l-imħuħ tan-nies u jgħin biex ikun hemm inqas diskriminazzjoni (Aure). Oħrajn jistgħu jirriflettu (Pedro) u aħna nitgħallmu naċċettaw nies differenti minna (Andreani).

Huwa tajjeb għalina – tajjeb għalihom (Barbara). Huwa importanti biex nagħrfu l-benefiċċji għal kulħadd fil-klassi (Sophie). L-edukazzjoni inklużiva tgħin lit-tfal mainstream biex isiru aktar tolleranti, b'imħuħ miftuħa (Sára).

Biex wieħed ineħħi x-xkilijiet kollha trid li tisfida l-mentalitajiet; inti parti minn stampa ikbar. Nies żgħażagħ oħra għandhom jiżviluppaw il-fehim tagħhom: aħna ngħixu f'dinja injoranta (Gemma).

Kulħadd jiġi inkluż, indipendentement mid-diffikultajiet li jkollhom (Robert). Kulħadd għandu jkollu ċ-ċans ta' edukazzjoni inklużiva u ħajja aħjar (Tomáš).

L-edukazzjoni inklużiva tgħin lil kulħadd biex iħossuhom parti minn sistema waħda tajba (Triin). Tagħtik il-possibiltà li tistudja u ma tħossokx li 'jiena differenti' (Lucie). Kulħadd huwa emanċipat (Elmo). Tgħin ukoll biex jintrebħu l-limitazzjonijiet (Maria).

Inti jkollok esperjenzi li jeliminaw l-istereotipi. L-edukazzjoni inklużiva tbiddel l-attitudnijiet tan-nies lejn id-diżabiltà (Hon). Din iżżid it-tolleranza u l-fehim fir-rigward ta' nies b'diżabiltà (Dean).

Jekk kulħadd ikun konxju tad-diżabiltajiet differenti u ċ-ċirkustanzi tan-nies personali ma jkunx hemm problema bl-edukazzjoni inklużiva. L-ibbulijar jiġri minħabba d-differenza – ladarba din hija spjegata l-ibbulijar jonqos. L-edukazzjoni inklużiva tgħin lil kulħadd biex jilħaq il-potenzjal tiegħu kollu kemm hu (Katrina).

L-edukazzjoni inklużiva m'għandha xejn x'taqsam ma' li tkun f'ambjent li jiffaċilita t-tgħallim; fil-fatt dan għandu jkun l-istess għal kulħadd. In-nies jippreferu jitgħallmu fi klassijiet żgħar u dan għandu jkun hekk għal kulħadd (Kamilla). In-nies li jkunu fi klassijiet kbar jaqbadhom in-ngħas u għalhekk ħadd ma jinnutahom. F'dawn l-ambjenti l-għalliema jkollhom żewġ minuti biss għall-istudent/a filwaqt li kulħadd jista' jkollu ħtieġa ta' għaxra. Li tkun f'sistema normali tagħtik l-opportunità li tagħżel u tkun kapaċi tesplora dak li trid u dak li inti kapaċi tagħmel (Kamilla).

L-edukazzjoni inklużiva hija tajba għall-ħbiberija (Bethany). Din tgħin biex ikollok il-ħbieb – 'grupp ta' ħbieb tajbin'. U mhux biss titgħallem flimkien, imma tmur 'l hawn u 'l hinn ukoll (Sam).

Din iġġib titjib fil-komunikazzjoni u interazzjoni aħjar (Markos). Iġġib ukoll titjib fl-edukazzjoni. L-iskola tinħtieġ li ssir aktar komda għat-tgħalliemi (Alexandra).

L-edukazzjoni inklużiva jinħtieġ li ssir 'normali', imma ħiliet speċjali jinħtieġ li jintgħallmu minn ħafna nies biex dan jiġri (Francesco).

Ħwejjeġ żgħar bħal li jkollok arranġamenti tekniċi f'posthom – bħal li wieħed ikun jista' juża l-laptops – huma importanti (Bethany). Il-

konxjożità tal-għalliema għal ħwejjeġ sempliċi – bħalma hu l-livell tal-ħoss fil-klassijiet – jista' jagħmel differenza kbira (Mathias). Il-possibiltajiet ta' xogħol individwali bħalma huma programmi ta' tgħallim personali huma tajbin – sostenn speċjali f'xi lezzjonijiet huwa importanti (Lucie). Li wieħed jagħti każ ta' approċji differenti għat-tgħallim – pereżempju approċji ta' tgħallim viżwali – huwa importanti (Tomáš).

Dan jagħtini l-opportunità li nissieħeb fi gruppi normali f'livelli ogħla. Pjan ta' edukazzjoni individwali huwa importanti ħ afna, imma l-għalliema jinħtieġ li jingħataw direzzjoni – l-istudenti jinħtieġ li jkunu proattivi (Tomáš). Huwa diffiċli li jkollok is-sostenn korrett, imma dan jista' jintrebaħ (Francesco).

Li tbiddel il-fasla fiżika tal-klassi biex tgħin ir-relazzjonijiet soċjali huwa tajjeb (Robert). L-atmosfera soċjali fl-iskola hija tassew importanti biex tinkiseb edukazzjoni inklużiva (Jens).

Iktar ma nħalltu nies b'diżabiltà ma' nies oħra – iktar ma jkollna malajr attitudnijiet pożittivi. Mhux qegħdin jiġu pprovduti biżżejjed għajnuniet – dan jinħtieġ li jkun l-inizjattiva ewlenija biex in-nies isiru aktar awtonomi. Għal dawk li huma inklużi, dan iġib tifsira soċjali importanti ħafna għall-ħajja u jikkrea sostenn għall-homework wara l-klassijiet kif ukoll ġ ewwa u barra mill-attivitajiet tal-iskola. L-isport huwa mod importanti kif tiġi inkluż fil-ħajja soċjali (François).

Jekk l-istudenti b'diżabiltà jiġu separati, ikun aktar diffiċli biex inżidu l-konxjożità. Xi gruppi iżgħar jistgħu jintużaw, imma jinġemgħu flimkien fejn dan ikun possibbli (Keenan). Klassijiet iżgħar huwa iktar faċli biex tittratta magħhom fil-każ ta' studenti bi problemi fis-smigħ għax ikun hemm wisq distrazzjoni jekk l-ambjent ikun storbjuż. Li tkun flimkien ma' koetanji li jkollhom problemi fis-smigħ jgħinni biex inħossni bħala persuna 'normali' (Elin).

Jinħtieġ li jkun hemm bilanċ bejn daqsijiet u ħtiġijiet tal-gruppi. In-nies b'diżabiltà jinħtieġ li jħossuhom komdi fi gruppi ikbar, imma s-soċjetà jinħtieġ li tadatta ruħha. Studenti mainstream u b'diżabiltà jinħtieġ jitgħallmu jgħixu flimkien – b'aċċess għal kulħadd (Mei Lan).

L-edukazzjoni inklużiva ħafna drabi hija meqjusa bħala li hija għolja, imma waqt li nkunu qegħdin nippruvaw biex insalvaw, nispiċċaw biex inħallsu iktar biex nittrattaw il-problemi xorta waħda (Daniel). Anke jekk pajjiż ma jkollux ħ afna riżorsi, l-edukazzjoni inklużiva tinħtieġ li ssir fl-aħjar mod possibbli. L-edukazzjoni inklużiva hija investiment,

jinħtieġ li ninvestu fin-nies. In-nies huma l-unika riżorsa. L-edukazzjoni inklużiva tgħin biex inħarsu 'l quddiem – tgħinna nissaħħu (Jens).



Id-delegati żgħażagħ iddiskutew ukoll *l-isfidi* li huma jikkunsidraw li jiġu affaċjati bihom fl-edukazzjoni inklużiva, fosthom nuqqas ġenerali ta' fehim tad-diżabiltajiet min-naħa tal-għalliema u l-istudenti, il-ħtieġa għal bidla fil-mentalità u l-attitudnijiet li għandhom x'jaqsmu mad-diversità, l-expertise limitat tal-għalliema, l-attitudnijiet negattivi, l-aċċess fiżiku għall-bini u l-ħtieġa għal aktar materjali tat-tgħallim li jkun adekwat u ambjenti tajjeb għat-tgħallim.

Hawn taħt se ssib xi wħud mill-kontribuzzjonijiet tagħhom:

Integrazzjoni fil-kindergarten, meta t-tfal ikunu iżgħar, huwa iebes ħafna (Dagur).

Xi nies ftit li xejn jifhmu d-differenzi f'pajjiżhom stess. Nies mingħajr diżabiltajiet għandhom żewġ modi kif imorru ma' nies b'diżabiltà; sempliċiment jaqbdu u jmorru 'l hemm, ma jagħtux każ u ma jippruvawx, jew, anke jekk huma ma jifhmux, jippruvaw jistaqsu mistoqsijiet u li jippruvaw jifhmu. Missieri kien ikollu problemi meta jiena kont iżgħar għax in-nies ma kinux jafu x'inhi ADHD u missieri ma kienx jaf kif jispjegaha. Huwa importanti li n-nies ikunu jafu dawn it-tipi differenti kollha ta' problemi. B'mod speċjali f'pajjiżi bħal tiegħi, il-problema tad-diżabiltajiet hija kulturali. Fiż-żmien, aħna konna pajjiż tal-ġellieda. Aħna konna Vikingi u n-nies li kienu dgħajfa ma kinux

aċċettati fil-komunità u xi minn daqqiet kienu jinqatlu u dik it-tip ta' kultura għadha preżenti f'pajjiżi (Dagur).

L-edukazzjoni inklużiva b'mod ġ enerali fis-soċjetà għadha diffiċli; jista', pereżempju, ikun perikoluż għalina li naqsmu t-triq għaliex id-dwal tat-toroq ma jkunux adatti għal min ikollu problemi fil-vista (Carlo u Melania).

It-tfal qegħdin jillejbiljaw lil xulxin għax wieħed ikun fi programmi speċjali. Problema fl-edukazzjoni inklużiva għandha x'taqsam mal-problemi soċjali kollha (Ingre).

L-ibbulijar huwa problema fil-mainstream, kif ukoll nuqqas ta' aċċettazzjoni (Leanne).

Kien hemm progress fl-attitudnijiet soċjali lejn l-edukazzjoni inklużiva, imma din għadha s'issa mhux il-prijorità ewlenija (Jonas).

Li wieħed jifhem il-problemi ta' kulħadd hija sfida. L-iskejjel u l-istaff għandhom jifhmu d-diffikultajiet tan-nies u jagħtuhom is-sostenn li jkunu jinħtieġu biex b'hekk imorru tajjeb. Irridu naslu sal-punt fejn ma jkunx hemm differenza fil-mod kif in-nies jiġu ttrattati u ma jkunx hemm diskriminazzjoni, imma jkun hemm fehim (Sam, Charlotte, Jere).

L-għalliema u l-ġenituri għandhom ikunu jafu kif jużaw l-għajnuna teknika fl-iskola u fid-dar: hemm bżonn ta' aktar materjal ta' għajnuna (Elmo, Kanivar, Fé, Aure).

L-edukazzjoni inklużiva tista' tgħin biex toħloq sfidi ġodda li jinħtieġ li jintrebħu, bħal: attitudnijiet ta' għalliema (Wessel); tgħallim u firdiet soċjali (Bethany); l-effetti soċjali u l-pressjoni fuq l-ġenituri (Triin); l-ibbulijar (Sophie); l-isfond soċjali tal-istudent/a u l-kundizzjonijiet tat-tgħallim barra mill-iskola (Gemma); faċilitajiet pubbliċi bħat-trasport (Francesco).

It-taħriġ tal-għalliema għandu importanza ewlenija (Sophie). It-taħriġ tal-għalliema ma jipprovdix biżżejjed l-informazzjoni mistħoqqa fuq aspetti ta' inklużjoni. Nies bi ħtiġ ijiet speċjali diġà għandhom problema min-natura tagħhom; biex jiksbu aktar sostenn, dan, xi minn daqqiet jikkawżalhom aktar problemi (Wessel). Xi minn daqqiet l-għalliema mhumiex interessati fit-tgħallim dwar ħtiġ ijiet speċjali (Méryem).

Il-gvern huwa dak li jrid iħallas lill-għalliema għax-xogħol tagħhom u huma jitħallsu biex 'ikunu għalliema', imma mhumiex interessati f'li

‘jkollhom x’jaqsmu ma’ xi ħaġa iktar’. Minħabba f’hekk il-biċċa l-kbira tal-għalliema ma jinteressahomx li jitgħallmu dwar l-SEN (Laima).

L-approċji fost l-għalliema għandhom ikunu konsistenti (Elin).

L-għalliema jistgħu jkunu mħassba dwar li jagħtu aktar attenzjoni lil nies żgħażagħ b’diżabiltà (Robert). Fi klassi bi ftit studenti b’diżabiltà, l-għalliem m’għandux jagħti wisq attenzjoni lil studenti b’diżabiltà. L-għalliema għandhom isibu bilanċ bejn li jsostnu l-istudenti li jkollhom jew ma jkollhomx diżabiltà (Daniel).

F’pajjiżi, in-nies jgħinu żżejjed (Kamilla).

Aħna m’għandniex assistenti ta’ sostenn fil-livell universitarju. Jinħtieġ ukoll li neliminaw id-diskriminazzjoni u l-ibbulijar. Xi studenti huma konxji tad-diżabiltajiet u fl-istess ħin jidħqu bija minħabba l-ADHD tiegħi (Maria).

Aħna wkoll għandna l-impressjoni li rridu nistaqsu għall-għajnuna. Din mhijiex xi ħaġa li tiġi b’mod awtomatiku. Dan huwa proċess fit-tul sakemm inti tieħu dak li tinħtieġ (Pauline).

L-għalliema għandhom jitkellmu mal-istudenti dwar id-diżabiltajiet – studenti mainstream ma jistgħux jiddeċiedu x’jistgħu jagħmlu biex jgħinu u jipprovdu sostenn (Aron). Il-konxjożità dwar id-diżabiltà għandha tkun parti mill-kurrikulu (Katrina).

Żewġ assistenti tal-għalliema jew aktar fi klassi inklużiva għandhom jaħdmu f’tim; din hija ħila extra li dawn l-għalliema għandhom jiġu mħarrġa biex jiksbu. L-għalliem għandu jkollu sostenn minn speċjalisti biex jiddeċiedi kemm ħin addizzjonali huwa meħtieġ għal studenti b’diżabiltà (Philipp).

It-tnaqqis min-naħa tal-Gvern diġà qiegħed iħalli effett fuq xi sostenn – nies bħal medjaturi qegħdin jitilfu x-xogħol tagħhom. Il-flus qegħdin imorru lejn l-iskejjel, imma tant huma disfunzjonali għax dan ifisser li għalliema ‘normali’ ikollhom jagħtu s-sostenn meħtieġ u m’għandhom l-ebda idea (Wessel).

Hemm bżonn li professjonisti differenti jaħdmu flimkien. Il-ġenerazzjoni l-ġdida tal-għalliema huma aktar edukati biex jifhmu nies b’diżabiltajiet u jagħmlu l-klassijiet aħjar – aħna qegħdin niżviluppaw fid-direzzjoni t-tajba. Il-liġi hija tajba, imma l-għalliema jinħtieġu li jkunu jifhmu u jagħrfu x’jiġifieri jkollok problemi bil-vista/diffikultajiet oħra. Aktar għajnuniet tekniċi huma meħtieġa biex b’hekk jiġi assigurat li nies b’diżabiltà jkollhom informazzjoni

aċċessibbli (François). Aċċess fiżiku għall-bini huwa importanti (lifts, bibien awtomatiċi, switches aċċessibbli, eċċ.) (Thomas). Fil-każ tat-testijiet, hemm bżonn li jkun hemm ħin extra (Lukasz). L-għajnuna permezz ta' sistemi tal-internet huma meħtieġa biex jgħinu studenti b'diżabiltajiet. Għajnuna minn barra tista' twassal biex huma jħossuhom differenti u iżolati (Mei Lan). Jinħtieġu aktar kotba-e, u kotba-awdjo għal dawk li jkollhom vista batuta (Łukasz, Áron).

L-ikbar sfidi huma l-attitudnijiet tan-nies u dak li jkunu jafu dawn l-istess nies – tħossok bħal qisu qiegħed tgħix f'post imdallam (Triin). Din hija vera sfida, dik li trid tibqa' tispjega dak li tkun tinħtieġ lil oħrajn – huwa diffiċli biex twassal lil ħaddieħor ikun konxju tal-limitazzjonijiet tiegħek. Huwa diffiċli ħafna meta inti tkun trid tagħmilha għal darba, tnejn, tlieta. Ħafna drabi jkun hemm kuntatt soċjali limitat iżżejjed bejn l-istudenti li jkollhom jew ma jkollhomx ħtiġijiet speċjali (Barbara).

Is-soċjetà ma tridx taċċetta nies b'ċerti tipi ta' diffikultajiet, imma l-aċċettazzjoni soċjali hija kruċjali (Robert). Hemm l-istigma perċeputa fuq id-diżabiltà li jinħtieġ li tiġi mwarrba. Fil-Parlament taż-Żgħażagħ tagħna aħna kellna t-taħriġ, pereżempju dwar l-epilessija u kif tagħti għajnuna. Fl-ambjent mainstream l-istudenti b'diżabiltajiet jinħtieġ li jispjegaw il-problemi tagħhom għal darba tnejn tlieta lil għalliema ġodda u lill-koetanji. Tinħtieġ kontinwità fl-informazzjoni tal-assessjar u sensittività għal dak li wieħed iħoss (Keenan).

In-nies mhux dejjem ikunu jafu kif jikkomunikaw b'mod effettiv, jew b'modi differenti (Tomáš). Imġiba inapproprijata tal-koetanji hija ħażina għal kulħadd (Lucie). Ħwejjeġ sempliċi jistgħu jkunu battalja l-ħin kollu (Bethany). Il-komunikazzjoni hija importanti – xi nies kellhom drawwiet ħżiena – hemm bżonn li din tkun 'ħielsa mit-taboos'. Nies għomja mhux kollha għandhom l-istess problemi – din hija kumplessa ħafna (Sára).

Fit-triq lejn l-edukazzjoni inklużiva, l-aspetti psikoloġiċi għandhom jiġu kkunsidrati aktar mill-aspetti prattiċi. B'diżabiltà 'moħbija' bħalma hija s-sindromu tal-Asperger, in-nies jinħtieġ li jiġu mfakkra – huma jaslu jagħmlu assunzjonijiet. L-edukazzjoni tinħtieġ li titwassal skont il-ħtiġijiet – gruppi żgħar huma wkoll ta' għajnuna għal nies bl-Asperger. Fl-edukazzjoni inklużiva l-għerf u l-esperjenzi dwar ċerti tipi ta' diżabiltà huma diffiċli biex wieħed jikseb milli fi skejjel speċjali għal studenti bl-istess diżabiltà. Anke l-professjonisti mhux dejjem ikollhom l-għerf u jistaqsu 'x'inhuma l-problemi tiegħek?' Aħna lkoll

individwi – il-mod awtistiku tal-mod kif naħseb jiena 'jissieħeb' ma' min ikun (Daniel).

Kulħadd jifhem l-edukazzjoni inklużiva b'modi differenti; definizzjoni komuni ta' edukazzjoni inklużiva ma teżistix u din hija sfida. Aktar konxjożità hija meħtieġa – ma nistgħux nagħmlu progress sakemm mhux kulħadd ikun konxju tad-diżabiltà (Katrina).



## Kummenti u proposti

Id-delegati żgħażagħ instaqsew ukoll biex jikkontribwixxu xi kummenti ġenerali u proposti. Dawn kienu:

Id-diversità hija pożittiva; hija importanti biex tħejji nies sa mill-bidu, biex isir xogħol mat-tfal biex nibnu ġenerazzjoni aħjar (Dagur).

L-istudenti m'għandhomx jiġu skoraġġuti bl-ebda mod (Robert). Hemm il-ħtieġa ta' kunfidenza kull wieħed fih innifsu (James). Huwa importanti li l-għalliema jemmnu fija (Efstathios). L-għalliema jinħtieġ li jagħtu aktar attenzjoni għal dak li jagħmlu l-istudenti, minflok għal dak li ma jistgħux jagħmlu. In-nies għandhom jittrattaw lill-bniedem lil hinn mid-diżabiltà. Jiena nieqsa mis-smigħ – dik mhux jien, imma widnejja biss. Hemm differenza bejni u n-nuqqas li għandi. L-għalliema jinħtieġu għarfien dwar id-diżabiltà. Ninħtieġu aktar attivitajiet flimkien – barra mill-iskola, ħin liberu, sport eċċ – għall-gost (Elin).

M'hemmx biżżejjed opportunitajiet biex naqsmu l-ħin fi gruppi voluntieri, jew f'attivitajiet soċjali wara ġurnata skola. Wara l-iskola xorta għad hemm il-ħajja (Arvydas).

Hemm bżonn li niġu ppreparati għall-futur. Fl-iskola, l-għalliema jafu min huma l-istudenti b'diżabiltà. Fid-dinja 'reali', in-nies iridu jagħtu każ tan-nies bi ħtiġijiet speċjali (Melanie). Nies b'diżabiltà għandhom jitgħallmu dwar kif għandhom iġibu ruħhom fis-soċjetà (Marie).

L-għalliema għandhom jagħmlu minn kollox biex jifhmu dak li l-istudent ikun irid u kif isostnuh (Nana-Maire). Inti għandek mnejn tkun tajjeb f'suġġett imma ħażin f'ieħor, imma l-kriterji għandhom ikunu li xejn ma jżommok milli tistudja ċerti oqsma ta' tagħlim (Daniel).

L-għalliema għandhom jagħmluha kemm jista' jkun sempliċi għal kulħadd li jitgħallmu għall-istess standards. Nies żgħażagħ b'diżabiltà għandhom jiġu involuti fid-deċiżjonijiet. Għandhom ikunu fuq quddiem nett fid-deċiżjonijiet għalihom infushom (Keenan). Kulħadd għandu jiġi involut, kemm jekk huma jew mhumiex differenti – kulħadd hu dak li hu (Katrina).

Għandna nħarsu lejn il-persuna – mhux id-diżabiltà – u nużaw kulma għandna biex intejbu l-affarijiet (Asgerdur).

L-istudenti b'diżabiltà għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom huma u jkollhom l-istess opportunitajiet biex jiġu involuti fi kwistjonijiet dwar l-edukazzjoni tagħhom – dritt għal vuċi f'affarijiet dwar l-edukazzjoni (Klara). Huwa d-dritt tagħna li nieħdu d-deċiżjonijiet tagħna (Wessel).

Nies li jkunu megħjuna għandhom ikunu fuq il-bord tar-reklutaġġ għal staff ta' sostenn ta' tgħallim ġdid; għandhom ikunu involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet ta' natura ġenerali. Għandu jkollhom mudelli ta' rwol li jispirawhom li jkollhom xi diżabiltà (Sam, Charlotte, Jere).

Jinħtieġ li jkollna 'Skejjel mingħajr Firdiet'. Kulħadd jista' jikseb benefiċċju minn edukazzjoni inklużiva; inklużi dawk mingħajr diżabiltà (Elmo, Kanivar, Aure, Fé). Jinħtieġ li nbiddlu l-attitudnijiet tal-istudenti li ma jkollhomx ħtiġijiet speċjali lejn id-diżabiltajiet (Emile).

L-edukazzjoni inklużiva hija idea tajba – dinja ġdida tinfetaħ (Lucie).

Finalment, kien hemm numru ta' opinjonijiet komuni għal ħafna delegati bħal:

- F’termini ta’ klassijiet inklużivi, id-delegati żgħażagħ stennew li l-għalliema u ‘l-istudenti l-oħra’ jagħmlu aktar sforz biex jifhmu u jinkludu studenti b’diżabiltajiet;
- Delegati żgħażagħ jagħrfu li huwa importanti li nnaqqsu n-numru tal-istudenti, jew li jkollna daqsijiet żgħ ar ta’ klassijiet u li nippromwovu disinn universali fil-bini u l-faċilitajiet fis-soċjetà b’mod ġenerali;
- Huwa importanti li nirċievu sostenn mingħajr il-ħtieġa li niġġieldu għalih;
- It-taħriġ għall-koetanji tal-iskola għandu jagħti każ tal-ħtiġijiet individwali u l-attitudnijiet dejjem aktar;
- L-edukazzjoni inklużiva tvarja bejn pajjiżi differenti, kif ukoll fl-istess pajjiż.

Bħala konklużjoni, il-kwalità, il-ftuħ u n-natura fil-fond tad-diskussjonijiet tad-delegati għandha tingħata l-importanza tagħha. Il-maturità tal-opinjonijiet espressi kienet evidenti, l-istess kif kien l-interess tagħhom f’li jikkontribwixxu għat-twettiq ta’ x’inhi fir-realtà edukazzjoni inklużiva: aċċess ugwali għall-edukazzjoni, kwalità ta’ edukazzjoni għal kulħadd u rispett għad-differenzi.

It-transcripts kompleti tad-diskussjonijiet tal-grupp jistgħu jinsabu fil-websajt tal-Agency http://www.european-agency.org/agency-projects/european-hearing-2011/results-files

## INĦARSU LURA U NĦARSU 'L QUDDIEM

Issa li qegħdin fl-2012, jidher li huwa ż-żmien opportun biex nirriflettu fuq il-kontribuzzjonijiet li tawna d-delegati żgħażagħ kollha sa mill-ewwel Seduta fl-2003. It-tliet avvenimenti involvew 238 żgħażagħ b'kollox li kienu lkoll mistiedna biex jipprovdu kummenti u jagħmlu proposti fuq l-edukazzjoni inklużiva. L-objettiv għat-tliet Seduti kien li jisimgħu l-fehmiet tan-nies żgħażagħ , biex nifhmu aħjar kif l-edukazzjoni inklużiva hija mwettqa fil-prattika mill-perspettiva ta' min qiegħed jirċievi s-servizz.

Il-fehmiet fuq edukazzjoni inklużiva li kellhom iż-żgħażagħ m'għandhiex tiġi kkunsidrati inqas relevanti minn dawk espressi minn professjonisti jew akkademiċi. Ir-riżultati tat-tliet Seduti ċarament juru li ż -żgħażagħ jistgħu faċilment u b'mod konċiż jesprimu l-istess osservazzjonijiet li saru mill-esperti f'dan il-qasam.

Id-dokument ma jippruvax joffri analiżi lonġitudinali tal-iżviluppi sa mill-2003; nies żgħażagħ differenti kienu nnominati għal kull seduta, kienu rrappreżentati livelli differenti ta' edukazzjoni u nies żgħażagħ mingħajr ħtiġ ijiet speċjali jew diżabilitajiet kienu għall-ewwel darba involuti fl-2011. Il-problema ewlenija hawnhekk hija li nissottolinew is-similaritajiet u d-differenzi bejn il-kummenti u l-problemi espressi sa mill-2003, kif ukoll li nagħfsu fuq il-proposti ewlenin li saru fis-seduti kollha.

Matul iż-żmien iż-żgħażagħ b'mod ġenerali esprimew sodisfazzjon bl-edukazzjoni, indipendentement minn jekk jiġux minn ambjent mainstream jew ta' edukazzjoni speċjali. Huma lkoll enfasizzaw l-importanza li jirċievu edukazzjoni ta' kwalità u taħriġ u wkoll għafsu fuq ir-rwol ewlieni biex isostnuhom biex isibu xogħol, iwessgħu u jsaħħu r-relazzjonijiet soċjali u b'mod ġenerali jippreparawhom għall-ħajja futura tagħhom.

Iż-żgħażagħ kollha kienu favur edukazzjoni inklużiva u – minkejja l-esperjenzi negattivi ta' ftit – huma għafsu fuq il-fatt li l-edukazzjoni inklużiva hija ta' benefiċċju għat-tgħalliema kollha. Il-parteċipanti tal-2011 b'mod partikolari pprovdew spjegazzjonijiet preċiżi ta' x'għandha tkun edukazzjoni inklużiva, xi tfisser għalihom u l-benefiċċji li tista' toffri lil kulħadd. Iż-żgħażagħ li ma jkollhomx ħtiġijiet speċjali jew diżabiltajiet kienu kapaċi wkoll biex b'mod espliċitu jiddeskrivu l-mod kif l-edukazzjoni inklużiva hija esperjenza li

tistagħna, għaliex tiftaħ l-imħuħ u tgħin biex wieħed ikisser l-istereotipi.

Il-biċċa l-kbira tal-parteċipanti ġ ew minn ambjenti mainstream u huma jagħrfu d-differenzi fl-edukazzjoni inklużiva u fil-pajjiżi, kif ukoll l-eżistenza ta' oqsma ta' titjib. Huma madankollu jikkunsidraw l-edukazzjoni inklużiva bħala dritt. Dan id-dritt jiġbor fih aċċess indaqs għal opportunitajiet edukattivi, li wieħed jirċievi s-sostenn neċessarju biex jagħmel l-aħjar ħaġ a possibbli minn dawn l-opportunitajiet edukattivi u biex jiġi ttrattat b'rispett.

Id-dritt ta' edukazzjoni inklużiva jfisser ukoll li wieħed ikun involut biex jingħata opportunitajiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet ħ ielsa dwar kollokament edukattiv ieħor. Ħ arsa mill-qrib turi li tema komuni tat-tliet Seduti kienet ix-xewqa ċ ara taż-żgħażagħ biex ikunu involuti b'mod sħiħ fi kwalunkwe deċiżjonijiet li jikkonċernawhom.

Fl-2003 il-parteċipanti għafsu fuq dan fil-kuntest li ma kinux qegħdin jaffaċċjaw il-futur tagħhom magħluqin id-dar mingħajr xogħol. Dan is-sentiment kien ukoll espress fl-2007, bħala xewqa komuni bejniethom li wieħed mill-benefiċċji ewlenin ta' edukazzjoni inklużiva hija li wieħed jirċievi edukazzjoni tajba li tħejjik biex tgħix ħajja indipendenti.

Għal nies żgħażagħ , l-edukazzjoni inklużiva hija ċ elebrazzjoni tad-diversità u l-problemi mhux biss ta' skola, imma wkoll tas-soċjetà kollha kemm hi. Din tista' tintlaħaq fil-milja tagħha meta l-firdiet jaqgħu u l-attitudnijiet jinbidlu. F'dan id-dawl, iż-żewġ oqsma partikolari jkomplu jingħataw l-importanza tagħhom minn nies żgħażagħ bħala sfidi kontinwi – l-aċċess, l-attitudnijiet u l-expertise tal-għalliema.

L-aċċess jiġbor fih mhux biss l-aċċessibilta fiżika għall-bini, imma wkoll il-proviżjoni ta' għajnuna teknika aċċessibbli u effiċjenti, li tkun tista' tinkiseb faċilment bħala għajnuna edukattiva.

Il-parteċipanti kkummentaw ukoll li l-għalliema mhumiex dejjem konxji ta', jew ma jagħtux biżżejjed attenzjoni għall-eżistenza u l-medda ta' ħtiġijiet tat-tgħallim. L-għalliema mhux dejjem għandhom l-expertise meħtieġ u ħafna drabi jiffukaw fuq id-dgħufija tat-tgħalliema minflok fuq l-aspetti b'saħħithom.

Minkejja dawn il-kummenti, iż-żgħażagħ mhumiex negattivi dwar l-għalliema tagħhom, imma minflok jistaqsu għal tip ġdid ta' għalliem:

wieħed li jkun imħejji u komdu jaħdem f'sistema ta' edukazzjoni inkluživa.

Fid-dawl ta' dawn l-isfidi, il-parteċipanti fis-Seduta tal-2011 għamlu proposti konkreti u prattiċi għal titjib biex isostnu edukazzjoni inkluživa kemm fil-livell ta' skola kif ukoll fil-livell ta' klassi. Huma staqsew lil min jieħu d-deċiżjonijiet biex jassiguraw li l-iskejjel kollha jkollhom l-aċċesibiltà fiżika neċessarja u riżorsi adekwati u sostenn, li jinkludi l-provediment ta' għajnuna minn support workers fil-klassi li jistgħu jwieġbu għall-ħtiġijiet tat-tgħalliema.

Huma għafsu fuq il-vantaġġi ta' daqsijiet żgħ ar ta' klassijiet u programmi ta' tgħallim individwali u li jkollhom kmamar addizzjonali li jkunu mgħammra tajjeb għal skop ta' mistrieħ u għajnuna extra meta jkun hemm bżonn. Huma wkoll għafsu fuq il-ħtieġa għal eżamijiet adattati (bħalma huwa l-ħin extra) kif ukoll il-possibiltà li l-istudju jitwal b'sena, biex b'hekk it-tgħalliema kollha jkunu jistgħu jilħqu l-istess livell ta' ksib mingħajr il-ħtieġa li xi wħud minnhom jipprovdulhom sostenn addizzjonali. F'dan ir-rispett huma saħqu li l-istess edukazzjoni tfisser li wieħed jikseb l-istess kwalifiki.

M'hemmx dubju li t-tliet Seduti huma ta' benefiċċju b'mod dirett għaż-żgħażagħ involuti – dan kien ikkonfermat mill-feedback li rċevejna sa mill-2003. Dan il-benefiċċju jestendi lil hinn miż-żgħażagħ għall-iskejjel u l-għalliema u t-tgħalliema involuti fid-diskussjonijiet preparatorji. L-outputs varji prodotti wara s-Seduta tal-2011 juru b'mod ċ ar dan l-impatt: iż-żgħażagħ u l-professjonisti li akkumpanjawhom ħadu diversi passi wara s-Seduta, bħalma huma l-kitba ta' artikli f'magazines u gazzetti u l-użu u l-ħolqien ta' għodod-e bħalma huma Facebook u paġni Twitter u paġni web iddedikati fuq websajts tal-iskola.

L-Agency se tieħu passi biex tassigura li jkun hemm l-ikbar tixrid possibbli ta' dan ir-rapport u ma tinsiex il-proposti serji u t-talbiet espressi mid-delegati żgħażagħ kollha.

Flimkien mad-delegati, il-familji, il-professjonisti u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, l-Agency se taħdem lejn it-twettiq ta' edukazzjoni ta' kwalità mingħajr firdiet, fejn kulħadd huwa differenti u rrispettat u fejn, bħalma qalu d-delegati żgħażagħ infushom: *aħna lkoll kuluri differenti, imma flimkien aħna nistgħu nagħmlu qawsalla*.

**ID-DELEGATI ŻGĦAŻAGĦ FIS-SEDUTA TAL-PARLAMENT EWROPEW 2011**

Hawn taħt issib l-ismijiet tat-88 delegat/a żagħżugħ/a li ħadu sehem fis-Seduta tal-Parlament Ewropew 2011:

| | |
|---|---|
| Aure AFLALO | Keenan ALEXANDER |
| Carlo ANDERHALDEN | Maria BARANDUN |
| Efstathios BEKYRAS | Méryem BELGHAZI |
| John BENNINGTON | Markos BOTSOS |
| Robert BOYLE | Elin Johanna BRANDT KORALL |
| Pauline BRASSEUR | Chiara BRIZZOLARI |
| Wessel BROEKHUIS | Maria BUGEJA |
| Claudia BURATTINI | Fabian CAMARA ALCAIDE |
| Jens CAMILLERI | Tomáš ČERNÝ |
| Alexandra CHRONOPOULOU | Rolands CINIS |
| Leanne Alice COLE | Nana-Marie DALE REICHEL |
| Charlotte DARBY | Yohana Angelica DEL PINTO |
| Honoré D'ESTIENNE D'ORVES | Samantha DRYDEN-SILLARS |
| Wacław DZIĘCIOŁ | Klara Linnea Astrid ELFSTEN |
| Zsófia FAZEKAS | João FONSECA |
| Barbara GEHER | Sára GERGELY |
| Josette GRAÇA SILVA | Melania GROTTI |
| Kanivar GÜLER | Andreani HADJISTERKOTI |
| Sophie Bethan HANNAWAY | Asgerdur HEIMISDÓTTIR |
| Lucie HRDINOVÁ | Ingre IMALA |
| Jakub JARMUŁA | Diogo JESUS NETO |
| Dagur JÓHANNSSON | Þórdur JÓNSSON |
| Domen KAISER | Dean KELLY |

| | |
|---|---|
| Orlando KROHN | Thomas KROYER |
| Joži KUMPREJ | Robert LÄTT |
| Mei LAN NG | Marie LAURITZEN |
| Artūras LAURYNAS | François LE BEL |
| Laima LIEPINA | Fé LINDEN |
| Rebeca LÓPEZ RUANO | Nika LUŠNIC |
| Mathias MACHIELSEN | Gemma MACKINTOSH |
| Jere Nicholas MAHLAKAARTO | Emile MAINKA |
| Tuomas Kimmo Johannes MANNI | Daniel MARTIN |
| James MARTIN | Simon MCDOUGALL |
| Stefanos MELAS | Audrey MESUREUR |
| Sofie MONGGAARD CHRISTENSEN | Jonas NENORTAS |
| Michalis NICOLAOU | Melanie NIELSEN |
| Áron ÓCSVÁRI | Elmo PESIN |
| Triin PUUSEPP | Pedro ROMERO JIMÉNEZ |
| Zineb SAOUI | Daniel Alexander SCHOUTEN |
| Francesco SCICLUNA | Edgars ŠENINŠ |
| Łukasz ŚMIETANA | Kamilla SØLYST BJØLSETH |
| Bethany STALEY | Philipp STEINBERGER |
| Katrina THOMSON | Lise TØRLEN |
| Mirjam WOLFF | Arvydas ZAGARAS |

# MT

F'Novembru 2011, l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali organizzat Seduta fil-Parlament Ewropew fi Brussell. Il-pajjiżi membri tal-Agency innominaw 88 żagħżugħ u żagħżugħa, kemm bi bżonnijiet edukattivi speċjali u/jew diżabilitajiet kif ukoll mingħajrhom, mis-settur sekondarju u vokazzjonali, biex jiddiskutu xi tfisser l-edukazzjoni inklużiva għalihom.

L-għan tas-Seduta kien li l-organizzaturi u l-parteċipanti jisimgħu liż-żgħażagħ, kif ukoll jieħdu nota tal-progress li sar fl-edukazzjoni inklużiva fil-pajjiżi rispettivi tagħhom sa mill-2007. Kull tgħalliemi jitkellem dwar aspetti importanti tal-mod kif l-inklużjoni qiegħda tkun imwettqa fil-prattika, kif ukoll fuq il-benefiċċji u l-isfidi tagħha, għaliex ilkoll huma involuti f'dik li hi inklużjoni. Fid-dawl ta' kemm-il darba l-inklużjoni ssemmiet fid-diskussjonijiet tagħhom, l-importanza tal-inklużjoni tidher biċ-ċar bħala tema komuni fil-ħajja edukattiva tan-nies ta' età żagħżugħa.

European Agency for Development in Special Needs Education

